**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**Ghawdex**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 9/2020/1 JVC**
**Wara sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**datata 28 ta' Marzu, 2023**

**Guda Taddeo sive Teddy Rapa bhala uniku direttur ta' Rapa Showrooms Co. Limited u din bhala azzjonista fis-socjeta' Rapa Construction Industries Limited (C 7906)**

**vs.**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni u b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2021 l-isem gie jaqra Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 10 ta' Jannar, 2024**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva datata 28 ta' Marzu, 2023 fejn gie deciz kif isegwi:

'Fid-dawl ta' dan kollu, dan it-Tribunal qed jilqa' l-eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u filwaqt li jiddikjara li ma huwiex

kompetenti biex jittratta u jiddeċidi t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti, jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-każ.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu a karigu tar-rikorrenti.'

2. Illi s-sentenza appellata nghatat wara li l-appellant rikorrent Guda Taddeo sive Teddy Rapa ntavola appell kontra l-intimat li permezz tieghu espona u talab kif isegwi:

*"Illi huwa gie notifikat bl-ittra ufficcjali data 23 ta' Novembru 2020, indirizzata lil Rapa Construction Industries Limited (C7906) li ghandha s-sede taghha fl-indirizz 133, Triq It-Tabib Anton Tabone, Victoria, Ghawdex li huwa wkoll l-indirizz tal-Kumpanija Rapa Showrooms Co. Limited u l-indirizz personali tal-esponenti.*

*Illi bl-istess ittra ufficcjali li skond l-Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat- Taxxa (Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta) l-ammont pretiz isir esekuttiv a tenur tat-Titolu VII tal-l-Ewwel Parti tat-Tieni Ktieb tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Illi l-ammont pretiz mill-appellat huwa wiehed fittizzju u ghaliex huwa bbazat fuq ammont immaginarju u dana stante li s-Socjeta' Rapa Construction Industries Limited ilha mis-sena 2001 in likwidazzjoni u jidher li ma gewx pprezentati 'annual returns' ghal perjodu relattivi u cioe' mis-sena 1999 sas-sena 2010. Ghal xi zmien kien hemm stralcjarju appuntat mill-Qorti izda jidher ukoll li l-istess stralcjarju qatt ma pprezenta 'annual returns'.*

*Illi l-fatti fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti:-*

*i. Il-kumpanija in kwistjoni qatt ma nnegozjat għaliex sa mill-ezordju taghha minhabba disgwit bejn id-diretturi qatt ma ghamlet negozju jew atti ta' kummerc.*

*ii. Fuq rikors tal-esponenti l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri b'degriet moghti fuq Rikors Numru 1/01 GK fl-ismijiet "Rapa Showrooms C. Ltd. Vs Rapa Brothers Co. Ltd et" data 15 ta' Novembru 2001, ddekretat billi wara li rat l-Artiko0lu 402 tal-Att XXV, 1995 addettat s-subartikolu 1(g) u ordnat ix-xoljiment tal-kumpanija u nnominat lil Mario Grech ghall-istralc konsegwenzjali taghha.*

*iii. Illi Mario Grech ma sab ebda koperazzjoni mid-direttur l-iehor Frank Rapa u ma setghax ikompli l-inkarigu tieghu u effettivament spicca biex irrizenja.*

*Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija r-rikorrenti jqis li l-ammont reklamat bl-istima maghmula mill-appellant mhuwiex dovut u jhoss ruhhu aggravat mid-decizjoni tal- Kummissarju Appellat u qed jinterponi umili appell minnha.*

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli:*

*1. Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kiser il-principji tal-gustizzja naturali u d-drittijiet fundamentali billi:*

*a. Naqas milli jagħti smiegh xieraq meta ma osservax il-principji tal-gustizzja naturali senjatament il-principju tal-'audi alteram partem'. Il-kummissarju appellat ipproceda biex ghamel stima minghajr ma nforma lill-esponenti u lil kull min huwa nteressat li qieghda tithejja din l-istima. L-esponenti kellu jingħata l-opportunita' li jressaq il-provi li l-appellat jidhirlu rilevanti liema provi l-istess appellat kellu jiehu konjizzjoni taghhom. Qabel aml-appellat ghadda biex irrenda l-istima tieghu esekuttiva ai termini tal-Ligi tal-procedura l-esponenti kellu jinghata l-opportunita' li jressaq l-oggezzjoni tieghu u l-istess appellat jirrevedi l-kont ossija stima.*

*b. Naqas milli jagħti smiegh xieraq meta ma osservax il-principju tal-gustizzja naturali konsistenti fil-principju ta' "nemo index in causa propria". Il-kummissarju ddecieda ammont li huwa dovut lilhu stess.*

*2. L-appellat Kummissarju tat-Taxxi Nterni wasal ghal stima manifestament hazina ghaliex tul il-perjodu li ghalih tirreferi l-istima il-Kumpanija Rapa Construction Industries Limited kienet in likwidazzjoni, ma nnegozjat qatt u għalhekk ma huwa dovut ebda ammont ta' taxxa.*

*3. Il-kummissarju appellat mexxa bi procedura manifestament sbaljata ghaliex qabel ma ghadda biex irrenda l-istima li huwa hareg titolu esekuttiv, imiss baghat javza lit-tax payer bl-istima minnu mahruga u dan tal-ahhar jingħata l-opportunita' li jikkonfutaha, haga li l-appellant kummissarju naqas illi jaghmel.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghal ragunijiet oħra li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell jitlob umilment lil dan it-Tribunal sabiex:-*

*1. Ihassar u jannulla d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fl-ittra ufficcjali tat-23 ta' Novembru 2020 kontenenti talba ghal hlas ta' €55,263 (hamsa u hamsin elf mitejn u tlieta u sittin ewro) billi hija wahda 'ultra vires' il-poteri tal-istess Kummissarju, rragonevoli u tmur kontra d-dettami tal-principji ta' mgieba amministrattiva tajba, il-principji tal-gustizzja naturali u tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.*

*2. Konsegwentement thassar u tirrevoka l-istess decizjoni fuq imsemmija."*

3. Fir-risposta tieghu l-intimat appellat irrisponda kif isegwi:

*"1. Illi in linea preliminari l-appell in risposta huwa irritu u null stante li l-ġbir ta' taxxa, bħal kwalunkwe dejn ieħor, huwa regolat mill-liġi ċivili u l-kompetenza ta' dana l-Onorabbli Tribunal ma tistax tiġi estiża għal vertenzi*

*bħal dik odjerna, li ma tirreferi għall-ebda punt tekniku jew amministrattiv; Dan ġie kkonfermat ukoll mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, diversament presedut, fis-sentenza tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet* ***'Europreneur Services Limited Vs Kummissarju tat-Taxxi'*** *fejn ġie deċiż illi'... is-soċjetà ma setgħatx tipproponi l-proċeduri odjerni quddiem dan it-Tribunal in kwantu thares minn fejn thares lejhom dawn ma jaqgħux entro l-kompetenza tieghu';*

*2. Illi ukoll in linea preliminari u mingħajr prejudizzju għas-suespost, f'dan l-istadju l-esponent Kummissarju tat-Taxxi* ***jgawdi titolu ezekuttiv*** *fuq l-ammont pretiż u m'għadx hemm rimedju; L-esponent ipproċeda bil-ġbir t'ammont ta' taxxa skont l-artikolu 47(2) tal-Kap. 372 billi ħareġ 'Avviż ta' Talba għall-Ħlas' datat 25 ta' Ottubru 2018 a tenur tal-Artikolu 44(2A)(c) tal-istess Att li jistipola perjodu ta' ħmistax-il ġurnata, mid-data tan-notifika, sabiex tali 'Avviż' jiġi kkontestat. Jirriżulta illi ma saret l-ebda kontestazzjoni u għalhekk, l-esponent illum ivvanta titolu eżekuttiv a tenur tal-Artikolu 40 tal-istess Att;*

*3.Illi fit-18 ta' Diċembru 2018 is-soċjetà rikorrenti ġiet validament notifikata bl-'Avviż ta' Talba għall-Ħlas', kif ippubblikat skont il-provvedimenti tal-Artikolu 29 tal-Kap. 372, liema Avviż kien intiż sabiex javża lis-soċjetà rikorrenti li għandha bilanċ ta' taxxa u interpellaha sabiex tagħmel il-ħlas dovut fi żmien* ***hmistax-il jum mid-data tan-notifika****; Tramite l-istess Avviż, ġiet infurmata ukoll li fin-nuqqas t'ottemprament, l-esponent kien ser jipproċedi bil-ħruġ ta' Ittra Uffiċjali skont il-liġi;*

*4. Illi min-naħa tagħha s-soċjetà rikorrenti, għal raġunijiet magħrufa lilha, għażlet li ma tikkontestax tali 'Avviż' u minflok qed tikkontesta l-Ittra Uffiċċjali tat-23 ta' Novembru 2020, li l-****uniku skop taghha huwa li jirrendi ezegwibbli*** *l-****istess titolu ezekuttiv ivvantat mill-esponent*** *sa* ***minn Jannar tal-2019*** *u sabiex l-esponent ikun jista' jipproċedi għall-infurzar tal-ħlas permezz ta' ħruġ ta' mandati; In effetti, l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna in materjal tgħid illi l-kontestazzjoni tal-quantum ta' taxxa dovuta ma tistax issir f'azzjoni li tattakka l-Ittra Uffiċjali, kif qegħda żbaljatament tippretendi s-soċjetà rikorrenti;*

*5. Illi tali insenjament ġie mħaddan ukoll mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, diversament presedut, fejn fis-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2019, hawn fuq imsemmija, osserva illi: '... it-Tribunal ma jarax kif f'dan l-istadju tal-proċess ta' ġbir ta' taxxa s-soċjetà Rikorrenti b'mod proceduralment validu... tirrikorri għall-awżilju ta' Qorti tal-Ġustizzja...';*

*6. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

*7. Illi l-kont maħruġ mill-esponent jirreferi għall-assessments maħruga mill-esponent b'referenza għas-snin ta' stima 2000, 2001 u 2002 minn liema stejjem, ma jirriżulta li saret l-ebda oġġezzjoni u għal estimations maħruġa b'referenza għas-snin ta' stima 2003 sa 2010 wara li s-soċjetà naqset milli tibgħat il-formoli tat-taxxa tagħha liema obbligu, għadu fis-seħħ, a tenur tal-Artikolu 10 tal-Kap. 372;*

*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent Kummissarju tat-Taxxi jitlob bir-rispett li dana l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħha;"*

4. Rat illi r-rikorrent nomine appella mid-decizjoni fejn elenka principalment zewg aggravji.

Fl-ewwel lok isostni li l-appell quddiem it-Tribunal sar a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 480 'Administrative Justice Act' u mhux a tenur tal-Artikolu 35 (1) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif isostni li assuma erroneament it-Tribunal. Il-Qorti tirrileva li l-appellant indika

erroneament il-Kap. 480 flok il-Kap. 490 ghalhekk ser tiehu li dan l-aggravju huwa bbazat fit-termini tal-Kap. 490. Dan l-argument dwar taht liema kap sar l-appell cioe taht il-Kap. 490 u mhux il-Kap. 372 huwa appuntu l-ewwel aggravju mressaq mill-appellat li jsostni li jidher li la l-appellat u lanqas it-Tribunal ma fehmu r-rikors tal-appell intavolat mill-appellant. Jinsisti li l-appell tieghu huwa abbazi tal-artikolu 3 tal-Kap. 490, Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva u li l-appell quddiem it-Tribunal ma sarx taht l-artikolu 34 jew 35 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta fejn skont l-appellant it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu poteri ampja u llimitati biex jirrevedi kull att amministrattiv indipendent minn dak li jipprovdi l-Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta u jaghmel referenza ghall-artikolu 7 (1) tal-istess Kap. 490. Skont l-appellat in vista ta' dan l-artikolu ma hemm ebda limitazzjoni fuq liema tip ta' att amministrattiv it-Tribunal huwa kompetenti li jiggudika.

L-appellant ikompli jsostni li l-ghan li ghalih inholoq it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva huwa sabiex jiehu minn hogor il-Qrati ordinarji jew biex johloq rimedju parallel ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 469 A tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili u jespandi dwar dan l-aggravju billi jaghmel referenza ghall-izvilupp tad-dritt amministrattiv anki f'legislazzjonijiet esteri. Jinsisti li t-Tribunal ghaggel meta ddikjara lilu nnifsu inkompetenti ghaliex illimita ruhu biss ghal dak li jipprovdi l-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta u ma harisx lejn il-poteri u l-gurisdizzjoni li jtih il-Kap. 490 tal-Ligijiet

ta' Malta partikolarment l-artikoli 7 u 3 tal-istess Att li skont l-appellant jipprovdu d-dritt ta' appell fuq 'Judicial Review' li mhux appell fil-mertu. Tant hu hekk, isostni l-appellant, li l-appell tieghu huwa sabiex it-Tribunal jirrevedi l-agir tal-Kummissarju tat-Taxxi kif jipprovdi l-artikolu 3 (a) tal-Kap. 490 u cioe' li t-Tribunal ghandu jirrispetta d-dritt tal-partijiet li jinghataw smiegh xieraq inkluzi l-principji tal-gustizzja naturali jigifieri (i) Nemo judex in causa sua u (ii) audi alteram partem. Ghalhekk it-Tribunal kellu jiddeciedi dwar dawn mhux jiddikjara li mhux kompetenti.

L-aggravju jsegwi billi l-appellant isostni li fit-termini tal-artikolu 74 (li jidher gie ndikat erronjament flok l-artikolu 741) tal-Kap. 12 Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, t-tribunal la darba ddecieda li ma kienx kompetenti kellu bilfors jibghat l-atti u l-process quddiem il-Qorti, Tribunal jew Bord kompetenti u mhux iwaqqa' l-kaz. Ulterjoment isostni li t-Tribunal naqas ukoll milli josserva d-disposizzjonijiet tal-artikolu 741 tal-Kap. 12 dan ghaliex it-talbiet tal-appellant jinkwadraw ruhhom fl-artikolu 469 A tal-Kap 12 u li l-appellant ma ghamilx uzu minn dan l-artikolu specifikatament ghaliex dan l-artikolu appuntu jipprovdi li fejn hemm rimedju specifiku provdut fil-ligi quddiem Qorti jew Tribunal iehor ghandu jsir uzu mid-disposizzjoni li l-appellant isejhilha tal-'Exhaustion of Remedies'. Izid illi:

'Ghalhekk huwa ovvju li minflok ma ddikjara l-inkompetenza tieghu u waqaf hemm missu talinqas baghat il-process quddiem il-Qorti Ordinarja (f'dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili Gursidizzjoni Generali) imbaghad tara dik il-Qorti ghandhiex tiehu konjizzjoni tal-kaz inkella le. Jekk le tibghat il-process quddiem il-Qorti tal-appell biex tiddisponi dik il-Qorti mill-kwistjoni ta' kompetenza.'

It-tieni aggravju tal-appellant isostni li t-Tribunal, ghalkemm kien qed jaghti decizjoni dwar il-kompetenza tieghu, xorta wahda iddecieda fuq il-mertu tal-appell f'partjiet mid-decizjoni fosthom fejn iddecieda li s-socjeta' appellanti ma ghamlet l-ebda oggezzjoni ghall-'assessments' w'allura dawn saru finali u konklussivi.

L-Appellant talab ghalhekk li din il-Qorti tal-Appell 'tilqa' dan l-Appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministratttiva presedut mill-Magistrat Dottor Simone Grech tat-28 ta' Marzu 2023 u tibghat il-process lura quddiem l-istess Tribunal sabiex ikompli jisma' dan il-kaz jew xort'ohra tiddisponi mill-kwistjoni tal-kompetenza deciz mill-istess Tribunal billi tibghat il-process quddiem il-Qorti/Tribunal li jirdrilha kompetenti.'

5. Rat illi l-appellat wiegeb ghall-appell billi sostna li d-decizjoni tat-28 ta' Marzu 2023 hija gusta u timmerita konferma filwaqt illi l-appell

huwa infondat u insostenibbli ghalhekk m'ghandux jintlaqa' ghal diversi ragunijiet fosthom ghaliex ma saret l-ebda kontestazzjoni ghall-istimi ta' taxxa dovuta li saru mill-intimat. Dwar il-kwistjoni ta' kompetenza tat-Tribunal l-appellat isostni li l-Kap. 490 ghandu jinqara u jigi nterpretat fl-intier tieghu u mhux parzjalment kif qed taghmel is-socjeta' appellanti billi taghmel referenza biss ghall-artikoli 3 u 7 tal-istess Att, dan ghaliex isostni li l-istess att jistipula limitazzjoni tal-applikazzjoni tieghu ghal certu atti amministrattivi biss. Izid li l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tohrog mill-artikolu 5, 7 u 25 (2) tal-Kap. 490 fejn jinsisti li fit-termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 5 t-Tribunal m'ghandux kompetenza generali li jirrevedi atti amministrattivi li jistghu jigu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kap. 12 izda 'jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jigi preskritt f'dan l-Att jew tahtu jew kull ligi ohra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi". Izid referenza ghall-artikolu 7 li jsostni li t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrevedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt u l-artikolu 25 sub-artikolu 2 li jsostni li t-Tribunal ghandu jkollu l-kompetenza li kellhom il-persuni, korpi u tribunal amministrattivi msemmija fil-ligijiet elenkati fit-Tielet Skeda qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu. In vista ta' dan, l-appellant isostni li l-Kap 490 irid jinqara fil-kuntest tal-Atti dwar it-Taxxa (Kapitoli 123 u 372 tal-Ligijiet ta' Malta).

L-appellat isegwi b'referenza ghall-artikolu 34 tal-Kap. 372 li fis-sub-artikolu 1 jaqra li t-Tribunal kif stabilit ghandu jkun kompetenti biex jisma' u jaqta' appelli skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 35. Isegwi ghalhekk skont l-appellat illi appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jista' jsir biss f'kazijiet fejn l-atti dwar it-Taxxa (Kap. 123 u 372) jirreferu tali materja lill-istess Tribunal u dan kif anki deciz precedentement mill-Qorti tal-Appell (Sede inferjuri) fil-kawza Aluminium Extrusion Limited u Raymond Borg vs. Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) nhar is-27 t'April, 2016. Finalment dwar dan l-aggravju jsostni li mhux minnu li t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu l-poter li jirrevedi kull att amministrattiv indipendentement minn dak li jipprovdi l-istess Kap. 490 u l-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta kif qed tallega s-socjeta' appellanti.

Dwar l-aggravju relattiv ghall-artikolu 741 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li tista' tghid huwa estensjoni tal-ewwel aggravju, cioe' dwar jekk hux tassattiv o meno li Tribunal jibghat l-atti quddiem il-Qorti kompetenti, jsostni li dan isehh biss meta jkun hemm gustifikazzjoni sabiex dan isir. Fil-kaz odjern, skont l-appellat, la darba l-ligi ma taghti l-ebda bazi legali sabiex tigi attakkata l-Ittra Ufficcjali mertu tal-proceduri odjerni allura dawn il-proceduri qatt ma setghu jigu istitwiti quddiem xi Qorti ohra. Izid li fil-mertu t-Tribunal kien obbligat li jichad kull appell relatat ma' xi sena ta' stima li dwara ma jkun issottometta l-ebda prospett tat-taxxa. Jsostni wkoll li huwa ferm dubjuz liema att kellu suppost jigi sindakat

mit-Tribunal. Il-Kummissarju appellat ukoll isostni li ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija mill-appellant lill-artikolu 469 A (4) tal-Kap. 12 ghaliex is-socjeta' appellanti qed tipretendi li t-Tribunal jibghat il-proceduri ntavolati quddiemu quddiem Qorti diversa taht artikolu mhux maghruf skont il-ligi u li l-Qrati gia nterpretaw l-artikolu 741 tal-Kap. 12 bhala li jfisser li mhux dejjem ghandu jsib applikazzjoni f'kaz li l-azzjoni kif impostata ma tkunx timmerita tali. Talab ghalhekk li din il-Qorti tichad l-appell odjern.

Dwar it-tieni aggravju li t-Tribunal allegatament iddecieda l-mertu l-appellat ukoll jsostni li dan l-aggravju ma jreggix ghal diversi ragunijiet u jidhol fid-dettal dwar il-procedura dettata mil-ligi sabiex isostni li finalment b'applikazzjoni tal-ligi effettivament il-Kummissarju ntimat ghandu appuntu titolu ezekuttiv.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Ottunru, 2023 u ddifferiet l-appell ghad-decizjoni. Rat l-atti tat-Trinunal kif ukoll l-atti kollha tal-appell odjern.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi l-Qorti rat li t-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu kif isegwi:

**'Ikkunsidra**

Dan it-tribunal sejjer fl-ewwel lok jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar l-ewwel eċċezzjoni mqajjma u ċioe' dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija minn dan it-Tribunal hekk kif diversament ippresedut fil-kawża rikors numru 133/18VG deċiża fis-17 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet Europreneur Services Limited vs Kummissarju tat-Taxxi fejn intqal:

*"Fid-dawl ta' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, dak li jrid jiġi determinat f'dan l-istadju tal-proċeduri huwa jekk taxpayer jistax jappella quddiem dan it-Tribunal minn interpellazzjoni tal-Kummissarju magħmula a tenur ta' l-imsemmi provvediment tal-Liġi.*

*Il-kompetenza tat-Tribunal hija determinata mill-Artikoli 34 u 35 tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikoli tal-Liġi - senjatament is-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 34 u s-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 35 - jipprovdu li: (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "it-Tribunal", għandu jkun kompetenti biex jisma' u jaqta' appelli skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 35. (2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jaqdi dawk id-dmirijiet tiegħu hekk assenjati lilu skond dan l-Att - Artikolu 34; u (1) Kull persuna illi, aggravata bi stima magħmula dwarha, ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju kif maħsub fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 33 tista' tagħmel, fi żmien tletin ġurnata wara d-data tan-notifika lilha ta' avviż tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-istima kif mixtieq, appell kontra dik l-istima lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.*

*Minn dan il-provvedimenti tal-Liġi u b'mod partikolari mill-Artikolu 35(1) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta b'mod ċar li dan it-Tribunal huwa kompetenti biex jisma', jittratta u jiddetermina appelli minn stimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' taxpayer meta ma jkunx intlaħaq*

*ftehim bejniethom in segwitu għall-istadju ta' oġġezzjoni kif provdut fl-Artikolu 33 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-partijiet kontendenti ddikjaraw li għall-finijiet ta' l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi huma jistrieħu fuq l-atti minnhom rispettivament ippreżentati, ossia r-Rikors promotur u d-dokument anness miegħu u r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi. B'hekk għall-finijiet ta' din l-eċċezzjoni u d-determinazzjoni ta' l-istess, huma dawn l-atti li jikkostitwixxu l-provi tal-partijiet kontendenti. Minn tali atti u b'mod partikolari mir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jirriżulta li:*

*• Fir-rigward tas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001, is-soċjetà Rikorrenti kienet ġiet notifikata bi stima oriġinali illi qatt ma sar oġġezzjoni dwarhom skond il-Ligi, fatt dan li ma ġiex kontestat u/jew imxejjen mis-soċjetà Rikorrenti;*

*• Li għas-snin ta' stima 2003 sa' 2017 l-istimi inħarġu a tenur ta' l-Artikolu 31(3) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, fatt dan ukoll mhux kontestat u/jew imxejjen missoċjetà Rikorrenti; u*

*• Li s-soċjetà Rikorrenti ma daħlitx prospetti tat-taxxa għal ebda snin ta' stima, fatt dan fatt mhux kontestat mis-soċjetà Rikorrenti anzi minnha ammess fl-ewwel aggravju ta' l-appell tagħha.*

*Fid-dawl ta' dawn il-fatti jiġi osservat illi l-istimi għas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001, in kwantu stimi oriġinali li minnhom ma saritx oġġezzjoni skond il-Liġi, illum jikkostitwixxu stimi finali u konklużivi fir-rigward ta' liema t-Tribunal ma għandu l-ebda kompetenza stante li huma titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.*

*Għall-finijiet ta' din l-osservazzjoni ssir referenza għall-Artikolu 38 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi: meta ebda oġġezzjoni valida jew appell ma jkunux ġew imressqin fiż-żmien stabbilit f'din it-Taqsima kontra*

*stima jew ordni dwar l-ammont ta' income taxxabbli stabbilit b'dik l-istima jew dwar ir-rebate ta' taxxa mogħti skond l-artikolu 57 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, jew meta l-ammont ta' l-income taxxabbli jew rebate ta' taxxa jkun sar ftehim fuqu taħt l-artikolu 33(4), jew meta l-appell ikun ġie rtirat jew ċedut, jew meta l-ammont ta' dak l-income taxxabbli jew rebate ta' taxxa jkun ġie deċiż fuq oġġezzjoni jew appell, l-istima jew l-ordni kif magħmula jew miftehma jew deċiża f'appell, skond il-każ, tkun finali u konklużiva għall-finijiet kollha ta' dan l-Att dwar l-ammont ta' dak l-income taxxabbli jew rebate ta' taxxa: Iżda ebda ħaġa f'din it-Taqsima ma iżżomm lill-Kummissarju milli jagħmel xi rifużjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 48 jew xi stima addizzjonali għal xi sena ta' stima li ma jimplikax li tinfetaħ xi kwistjoni li tkun ġiet deċiża fuq appell għassena, u għall-Artikolu 40 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi: Dan li ġej jikkostitwixxi titolu eżekuttiv skond u għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tatTieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Orgnaiżazzjoni u Proċedura Ċivili, jiġifieri: … (ċ) l-istima finali u konklużiva jew l-ordni msemmija fl-Artikolu 38 … Iżda ħlief fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (f), il-proċedura stabbilita fl-artikoli 44(1)(b) jew 44(2A)(ċ) għandha tiġi mħarsa fil-każijiet kollha qabel ma jiġi nfurzat il-ħlas bis-saħħa ta' dak it-titolu. Għal kull buon fini jiġi ribadit li l-Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, kien jipprovdi li: il-Kummissarju għandu jinnotifika avviż ta' talba lill-perunsa li minnha hi dovuta xi taxxa u jekk ma jsirx ħlas fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż ta' talba, il-Kummissarju jista' jipproċedi biex jesegwixxi għall-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fl-artikolu 40 wara jumejn min-notifika li ssir lid-debitur ta' talba għall-ħlas permezz ta' att ġudizzjarju.*

*Huwa evidenti li una volta stima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi ssir finali u konklużiva u b'hekk titolu eżekuttiv tal-Kummissarju fil-konfront tat-taxpayer, il-kwistjoni bejn il-Kummissarju t-taxpayer tidħol fl-istadju tal-ġbir tat-taxxa dovuta, stadju dan li ma jaqax taħt il-kompetenza tat-Tribunal iżda taħt il-kompetenza tal-Qrati Ċivili hekk provdut fl-Artikolu 47 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*In kwantu rigwarda l-istimi għas-snin ta' stima 2003 u 2017, liema stimi nħarġu skond l-Artikoli 31(3) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: meta persuna ma tkunx bagħtet prospett ta' l-income għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena sussegwenti u ma tkunx għamlet għażla taħt l-artikolu 12 jew, għalkemm tkun għamlet għażla bħal dik hija, wara li jkun ingħatalha avviż mill-Kummissarju sabiex tagħmel prospett kif provdut fl-artikolu 13 tonqos milli tippreżenta l-prospett, u l-Kummissarju jkun tal-fehma li dik il-persuna tkun suġġetta għall-ħlas tat-taxxa, huwa jista' jiddetermina l-ammont tat-taxxa li għandha titħallas minn dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima fuq il-bażi ta' kalkolu li jsir b'dak il-mod u b'dak il-metodu kif il-Kummissarju jqis li jkun xieraq mingħajr preġudizzju għal xi responsabbiltà xort' oħra mġarrba minn dik il-persuna minħabba fin-nuqqs jew it-traskuraġni tiegħu li jibgħat prospett, jiġi osservat li a tenur tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 31 tal-Kap.372 talLiġijiet ta' Malta determinazzjoni li ssir skond is-subartikoli (1), (2) u (3) m'għandiex tittieħed bħala stima għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi.*

*Dan ifisser għalhekk li determinazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia determinazzjoni bħal dik odjerna għas-snin ta' stima 2003 sa' 2017, l-imsemmija snin ta' stima inklużi, ma humiex appellabbli quddiem it-Tribunal in kwantu ma humiex u ma jistgħux jitqiesu bħala stima għall-finijiet u effetti kollha talLiġi. Tant hu hekk li l-Artikolu 36(a) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li ddisposizzjonijiet li ġejjin għandu jkollhom effett għall-finijiet ta' kull appell magħmul taħt l-artikolu 35: (a) it-Tribunal għandu sommarjament jiċħad kull appell quddiemu għal xi sena ta' stima u jikkonferma l-istima li dwarha jsir l-ilment kemm-il darba ma tinġiebx quddiemu prova prima facie li, sad-data li fiha jkun sar l-appell, l-appellant ikun ippreżenta taħt l-artikoli 10 u 11 prospett tal-income taxxabbli tiegħu għallimsemmija sena ta' stima.*

*Minn dan kollu osservat jirriżulta li s-soċjetà ma setgħatx tipproponi l-proċeduri odjerni quddiem dan it-Tribunal in kwantu tħares minn fejn tħares lejhom dawn ma jaqgħux entro l-kompetenza tiegħu, anżi in kwantu rigwarda s-snin ta' stima 2003 sa' 2017, l-imsemmija snin ta' stima inklużi, Huwa*

*obbligat mill-Liġi - fin-nuqqas ta' prova li qabel ma ġew istitwiti dawn il-proċeduri s-soċjetà Rikorrenti issottomettiet il-prospetti tat-taxxa tagħha għall-imsemmija snin ta' stima, prova li fil-fatt ma saritx in kwantu jirriżulta li l-prospetti baqgħu ma ġewx sottomessi - li jiċħad l-appell u jikkonferma li l-ammonti determinati mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-imsemmija snin ta' stima huma effettivament dovuti.*

*Għal kull buon fini t-Tribunal josserva li għalkemm a tenur ta' l-Artikolu 741 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata ... (b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawza tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha: Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża: ... u għalkemm fl-Avviż ta' Talba għall-Ħlas mertu ta' dawn il-proċeduri s-soċjetà Rikorrenti ġiet imwissija li jekk tibqa' ma tħallasx jew ma tikkontestax f'Qorti tal-Gustizzja l-ammont dovut saddata indikata, se tinħareg ittra uffiċjali kontra tiegħek, it-Tribunal ma jarax kif f'dan l-istadju tal-proċess ta' ġbir ta' taxxa s-soċjetà Rikorrenti tista' b'mod proċeduralment validu, għall-inqas entro l-parametri tal-kontestazzjoni kif impostata fir-Rikors promotur, tirrikorri għall-awżilju ta' Qorti tal-Ġustizzja, u għaldaqstant iqis li l-ewwel proviso ta' l-Artikolu 741(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk jirriżulta li l-eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi hija ġustifikata u b'hekk jistħoqq li tiġi milqugħa."*

Fuq l-istess linja kienet is-sentenza mogħtija minn dan it-Tribunal hekk kif diversament ippresedut fir-rikors numru 27/2020VG deċiż fis-6 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi vs Leonard Edward Perkins u fil-kawża deċiża fis-6 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi vs Trade and Sell Limited (Rikors numru 28/2020VG).

Fuq l-istegwra tal-ġurisprudenza fuq kwotata, għandu jiġi rilevat is-segwenti:

Jirriżulta li fil-każ odjern, il-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ avviż ta' talba għall-ħlas kontra r-rikorrenti datat 25 ta' Ottubru 2018 (Dok A anness mal-affidavit ta' Emanuel Mangion) peress li s-soċjeta' rikorrenti naqset li tissottometti l-formoli tat-taxxa għas-snin ta' stima 1999 sal-2017. Inħarġu *assessments* għas-snin ta' stima 1999 sa 2002 fis-sena 2010 ai termini tal-artikolu 31(5) tal-Kap 372 tal-Liġijiet Malta u ma saret ebda oġġezzjoni dwarhom bil-konsegwenza li dawn saru finali u konklussivi (Vide affidavit ta' Emanuel Mangion).

Għas-snin 2003 sal-2010, inħargu stimi *(estimations)* ai termini tal-artikolu 31(3) tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk determinazzjoni a tenur ta' l-artikolu 31(3) tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta ma hijiex appellabbli quddiem it-tribunal odjern in kwantu l-istess *estimations* mhumiex u ma jistgħux jitqiesu bħala stima għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Dana qed jingħad fid-dawl ta' dak stipulat fl-artikoli 31(3), 31(9) u 36(a) tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta skont l-artikolu 44(2A) (c) tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta. In fatti, ir-rikorrenti għad għandha l-obbligu li tissottometti l-formoli tat-taxxa sabiex tiġi rregolarizzata l-pożizzjoni fiskali tagħha skont l-artikolu 10 ta' l-istess Kap 372.

Fid-dawl ta' dan kollu, dan it-Tribunal qed jilqa' l-eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u filwaqt li jiddikjara li ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddeċidi t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti, jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-każ.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu a karigu tar-rikorrenti."

8. Illi mill-aggravji tar-rikorrent kif esposti l-Qorti rat li principalment l-appell tar-rikorrent jikkonsisti principalment f'zewg ilmenti. Li l-ewwel Tribunal injora ghal kollox li t-talbiet tieghu kienu bbazati fuq allegat ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u drittijiet fundamentali u li wara li t-Tribunal limitatament ra li ma kienux gew introdotti it-'tax assessments' ghas-snin in kwistjoni u konsegwentement ukoll ma saret l-ebda oggezzjoni ghall-istimi mahruga mill-Kummissajru, t-Tribunal ddecieda li allura ma setax isir appell quddiemu legalment u validament,b'dana li t-Tribunal ghaddha sabiex iddikjara l-inkompetenza tieghu u astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tar-rikorrent nomine.

Illi l-appellant odjern isostni li t-Tribunal injora li kellu l-kompetenza jisma' ilmenti dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali u principji ta' gustizzja naturali hu stess fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap. 490 'Att dwar l-Amministrazzjoi tal-Gustizzja' w'ghalhekk kellu jkompli jisma' l-kaz jew fin-nuqqas kellu fit-termini tal-artikolu 741 tal-Kap. 12 jibghat l-atti quddiem il-Qorti kompetenti. Jilmenta wkoll li sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu t-Tribunal spicca dahal fil-mertu tal-ilment meta dan ma kellux ikun stante li suppost id-decizjoni tat-Tribunal kellha tkun limitata dwar il-kompetenza tieghu u dan f'dik il-parti fejn it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li ma kienux gew sottomessi 'tax returns' ghal numru ta' snin u li ma saritx oggezzjoni ghall-istimi mahruga mill-Kummissarju appellat.

9. Din il-Qorti rat li fl-appell tar-rikorrenti appellant sottomess quddiem it-Tribunal datat 2 ta' Dicembru, 2020 jinghad car li l-atti tal-Kummissarju ntimat, taht l-ewwel aggravju, kienu qed jigu appellati abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali w abbazi ta' allegat ksur tal-principju tal-gustizzja naturali senjatament il-principju tal-'audi alteram partem' fit-termini tal-jedd ghal smiegh xieraq u 'nemo iudex in causa propria.'

Il-Qorti rat ukoll illi taht it-tieni u t-tielet aggravju huwa car li d-decizjoni tal-Kummissarju intimat qed tigi attakkata fil-mertu taghha u mhux f'termini ta' drittijiet fundamentali jew principji ta' gustizzja naturali.

10. Illi in vista tas-suespost din il-Qorti tista' mill-ewwel telimina t-tieni u t-tielet aggravju mressqa mill-appellanti quddiem it-Tribunal (permezz tar-rikors datat 2 ta' Dicembru, 2020) mill-kuntest tal-appell odjern stante li fir-rigward ta' dawk l-aggravji, fil-mertu, id-decizjoni tat-Tribunal hija gustifikata stante l-inkompetenza tieghu rizultat tan-nuqqas inkontestat li jigu sottomessi 'tax returns' ghas-snin ta' taxxa koncernati u n-nuqqas ta' oggezzjoni ghall-istimi mahruga mill-Kummissarju ntimat. Dawn huma fatturi li jiddeciedu t-Tribunal ghandux kompetenza jisma jew le l-ilment tar-rikorrent ghalhekk it-Tribunal kellu bilfors jidhol fihom fid-decizjoni tieghu. In vista ta' dan

il-Qorti ser tghaddi mill-ewwel sabiex **tichad it-tieni aggravju** tal-appellant fir-rikors tal-appell odjern.

11. Jonqos ghalhekk li jigi kkunsidrat jekk l-ewwel aggravju mressaq quddiem it-Tribunal kienx jimmerita id-decizjoni ta' nuqqas ta' kompetenza da parti tal-istess Tribunal jew almenu li t-Tribunal f'kaz li jiddeciedi l-inkompetenza tieghu, fit-termini tal-artikolu 741 tal-Kap. 12 jitrasferixxi l-process quddiem il-Qorti li jqis kompetenti. Illi sabiex isir dan, il-Qorti tqis izda li wiehed ghandu jaghmel referenza ghall-eccezzjoni ta' nkompetenza tat-Tribunal kif imqajjma mill-Kummissarju ntimat.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju ntimat taqra kif isegwi:

'Illi in linea preliminari l-appell in risposta huwa irritu u null stante li l-gbir ta' taxxa, bhal kwalunkwe dejn iehor, huwa regolat mil-ligi civili u l-kompetenza ta' dana l-Onorabbli Tribunal ma tistax tigi estiza ghal vertenzi bhal dik odjerna, li ma tirreferi ghall-ebda punt tekniku jew amministrattiv; Dan gie kkonfermat ukoll mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, diversament presedut, fis-sentenza tieghu tas-17 ta' Ottubru, 2019 fl-ismijiet 'Europreneur Servives Limited vs. Kummissarju tat-Taxxi' fejn gie decis illi '*....is-socjeta' ma setghatx tipproponi l-proceduri quddiem dan it-Tribunal in kwantu thares minn fejn thares lejhom dawn ma jaqghux entro l-kompetenza tieghu'*.

Illi konsegwenza ta' tali eccezzjoni din il-Qorti rat li t-Tribunal ghamel referenza ampja ghad-decizjoni kkwotata mill-Kummissarju ntimat fl-ecczzjoni preliminari tieghu, ikkonkluda li la darba ma gewx prezentati 'tax assessments' allura ma setax jigi ntavolat l-appell quddiemu u ddecieda li allura ma kellux kompetenza jisma' l-kaz w'ghaddha biex jichdu. Din il-Qorti rat li t-Tribunal mkien fid-decizjoni tieghu ma dahal fil-kwistjonijiet tal-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta' rikorrenti u l-allegat ksur tal-principji ta' gustizzja naturali.

Illi skont ir-rikorrenti appellanti t-Tribunal kellu l-poter fil-ligi li jisma' u jiddeciedi kwistjoni dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta' rikorrenti u tal-principji ta' gustizzja naturali minn applikazzjoni tal-artikoli 3 u 7 tal-Kap. 490, Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja. Il-Kummissarju appellat isostni li dan mhux minnu stante li l-Kap. 490 ghandu jinqara bhala wiehed shih u mhux biss fejn u kif jaqbillu l-appellant.

Il-Qorti rat fl-assjem tieghu l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u rat li fit-termini tal-artikolu 3 tal-istess Att, it-Tribunal huwa marbut fil-mori tal-proceduri quddiemu sabiex jara li jissalvagwardja l-principji tan-*nemo juiex in causa sua* u *audi alteram partem.* Dan izda ma jfissirx li dan l-artikolu jaghti kompetenza lit-Tribunal sabiex hu stess jevalwa allegazzjonijiet ta' ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq imputati lill-Kummissarju tat-Taxxi ntimat kif qed

tallega r-rikorrenti. Huwa ben not li l-kompetenza fuq allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem jaqghu fil-kompetenza esklussiva tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sede kostituzzjonali taghha u certament ma jvestux fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. L-istess jinghad dwar l-allegat ksur tal-principji ta' gustizzja naturali derivanti minn ghemil amministrattiv fejn dawn il-proceduri ghandhom jingiebu wkoll quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti tal-Magistrati, Gurisdizzjoni Superjuri fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u mhux permezz ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

11. Illi ghaldaqstant in vista tas-suespost, din il-Qorti tqis li filwaqt li t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fid-decizjoni appellata, ai fini tal-ewwel aggravju kif imressaq quddiemu kellu ragun jiddikjara li ma kienx kompetenti, f'dak l-istadju u limitatament biss ai fini tal-ewwel aggravju mressaq quddiemu, b'applikazzjoni tal-artikolu 741 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal kellu permezz ta' digriet in camera jibghat l-atti lill-Qorti Civili kompetenti sabiex tkun tista' tisma' l-istess aggravju fil-parametri tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq u l-allegat ksur tal-principji tal-gustizzja naturali. Dan dejjem suggett li tali talbiet jissodisfaw il-kriterji kollha mposti mill-ligi quddiem dik il-Qorti.

12. F'dan l-istadju din il-Qorti tqis izda li in vista li r-rikorrenti tibbaza t-talbiet taghha kemm fuq allegat ksur ta' drittijiet fundamentali kif ukoll allegat tal-principji ta' gustizzja naturali fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 allura tinholoq problema stante li l-Qorti tal-Magistrati, Gurisdizzjoni Superjuri, Ghawdex m'ghandhiex kompetenza fuq ilmenti ta' indoli kostituzzjoni filwaqt li ghandha kompetenza fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Ghalhekk sakemm ma tkunx l-istess rikorrenti li tillimita t-talbiet taghha limitatament fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ser tordna li l-atti jigu mghoddija lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Malta sabiex ma tkunx din il-Qorti stess li tillimita r-rimedji mfittxija mir-rikorrenti appellanti f'dan l-istadju.

13. Illi in vista tal-konkluzjonijiet suesposti din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' limitatament l-appell tar-rikorrenti billi filwaqt li tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva dwar l-inkompetenza tieghu fit-totalita' taghha fir-rigward tat-tieni u t-tielet aggravju mqajjma mir-rikorrent appellant quddiem it-Tribunal permezz tar-rikors datat 2 ta' Dicembru, 2020 nkluz dik il-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess, tikkonferma limitatament u parzalment l-istess decizjoni dwar l-inkompetenza tat-Tribunal fir-rigward tal-ewwel aggravju billi tvarjaha biss f'dik il-parti fejn it-Tribunal astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess billi tordna li l-atti tal-proceduri jigu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Malta sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet kif kontenuti fl-ewwel

aggravju mqajjem quddiem it-Tribunal permezz tar-rikors datat 2 ta' Dicembru, 2020.

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-appell kif isegwi:**

**(i) tilqa' in parte r-risposta tal-intimata appellata fir-rigward tat-tieni aggravju u tichadha fil-bqija;**

**(ii) tichad it-tieni aggravju tar-rikorrenti appellanti u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva dwar l-inkompetenza tieghu fir-rigward tat-tieni u t-tielet aggravju mqajjma mir-rikorrent appellant quddiem it-Tribunal permezz tar-rikors datat 2 ta' Dicembru, 2020 nkluz dik il-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess aggravji;**

**(iii) tilqa' l-ewwel aggravju tar-rikorrenti appellanti limitatament billi filwaqt li tikkonferma d-decizjoni appellata f'dik il-parti fejn iddikjarat l-inkompetenza tat-Tribunal ukoll fir-rigward tal-ewwel aggravju, tvarjaha f'dik il-parti fejn it-Tribunal astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel aggravju billi tordna li l-atti tal-proceduri odjerni kollha nkluz dawk ta' quddiem it-Tribunal, ghar-ragunijiet suesposti, jigu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Malta sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet kif kontenuti fl-ewwel aggravju mqajjem mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal permezz tar-**

**rikors datat 2 ta' Dicembru, 2020. Dan sakemm ir-rikorrenti stess, permezz ta' nota fl-atti odjerni fi zmien ghoxrin jum (20) mil-lum, ma tillimitax it-talba taghha kif gia esposta limitatament ghall-artikolu 469 A tal-Kap. 12 Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili f'liema kaz allura l-atti tal-proceduri odjerni ghandhom jigu trasferiti lill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex, Gurisdizzjoni Superjuri.**

Ai fini tal-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili din il-parti tad-decide tal-Appell odjern ghandha titiqes bhala li tissodisfa r-rekwizit ta' digriet in camera mpost fl-istess artikolu.

In vista li l-appell odjern gie in parte michud l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Tordna li l-atti odjerni jigu mghoddija lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali (Malta u Ghawdex) sabiex jigu assenjati in linea ma' dak deciz.

**Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Deputat**